# IL-FRATELLANZA TA' SANTA MARGERITA

*minn George Azzopardi*

Bl-iskop li jkompli jkabbar id-devozzjoni lejn Santa Margerita u mħeġġeġ ukoll minn diversi Sannatin, l-Arċipriet ta' Sannat, Dun Ġużepp Cassar (1926-1950) għamel talba lill-Isqof t'Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi (1924-1944) ħalli jwaqqaf fratellanza f'ġieħ Santa Margerita. L-Isqof Gonzi aċċetta t-talba u nhar l-20 t'April 1931, l-fratellanza l-ġdida ġiet imwaqqfa kanonikament.[1]

Minbarra li jinkitbu membri fiha, kien hemm ukoll l-bżonn li l-fratellanza tkun mgħammra b'dak kollu li teħtieġ u għal dan il-għan, il-benefatturi ma' naqsux. Kif tixhed kitba fuqhom, iż-żewġ lanterni tal-fratellanza li jintużaw fil-purċissjoni ġew imħallsin minn Francesco Farrugia li ħallas waħda u minn Publio Vella li ħallas l-oħra Leli Galea ħallas l-ispejjes tas-salib li kien ġie jiswa madwar erba' liri.[2] Is-Suġentina (speċi ta' bastun bis-simbolu tal-fratellanza) ġiet imħallsa minn xi benefattur mill-Munxar li f'dak iż-żmien kien għadu jifforma parti mill-parroċċa ta' Sannat.[3] Imbagħad fl-1958, fuq disinn ta' Dun Mikelanġ Apap, sar stendard ġdid irrakmat bid-deheb għall-istess fratellanza għand id-ditta Anna Bennato ta' Padova u ġie jiswa £411.75.[4] Ġużepp Grima, li kien ukoll sagristan fil-knisja tal-parroċċa, ġabar il-flus meħtieġa minn fost il-parruċċani Sannatin biex bihom iħallas l-ispejjes ta'dan l-istendard.[5]

B'hekk, anke l-qaddisa patruna tal-parroċċa ta' Sannat għandha l-fratellanza tagħha li, bħal fil-każ taż-żewġ fratellanzi l-oħrajn li għandna fil-parroċċa: dik tar-Rużarju u l-oħra tas-Sagrament, ġiet mgħammra b'dak kollu meħtieġ waqt is-sehem tagħha fil-purċissjonijiet.

NOTI U REFERENZI:

1. JOSEPH BEZZINA,Sannat fi Ġrajjet Għawdex, Gozo 1989, 463-4.
2. Tagħrif mogħti verbalment minn Leli Galea nnifsu.
3. Tagħrif mogħti verbalment minn Leli Galea u minn Nikola Buttigieġ (ex-sagristan)
4. BEZZINA, ibid, 490.
5. Tagħrif mogħti verbalment minn Nikol Buttiġieġ (ex-sagristan) u minn Ġużeppa Grima (armla ta' Ġużepp Grima).



## Nifirħu lil Mons Lawrenz Sciberras

## Fl-okkażżjoni tal-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, u nargurawlu

## Ad Multos Annos